MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 765/2004

**Alfred u Josephine mizzewgin Galea**

**Vs**

**Tal-Karmnu Construction Company Limited (C17718)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta’ April 2004 fejn l-atturi talbu sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ Lm500 (hames mitt Lira Maltin) bhala rifuzjoni ta’ depozitu u akkont tal-prezz fuq konvenju ghal bejgh ta’ garage.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-atturi u s-socjeta` konvenuta kienu ffirmaw u ftehmu permezz ta’ konvenju datat it-12 ta’ Dicembru 2002 fejn permezz tieghu s-socjeta` konvenuta ppromettiet u

obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi lill-atturi l-garage internament markat bin-numru disgha (9), lower basement level, fi drive in privata bla numru u bla isem, li tizbokka fi Triq Birkirkara, San Giljan, eskluza l-arja tieghu, b'access liberu minn l-istess drive-in kemm bir-rigel u kif ukoll bil-vettura, u dan versu l-prezz u l-pattijiet hemm pattwiti:
Illi fuq dan il-konvenju l-istanti hallsu akkont tal-prezz is-somma ta' hames mitt Lira Maltija (Lm500);

Illi l-kuntratt fianli baqa` ma sarx peress illi l-konvenju skada nhar il-5 ta' Mejju 2003.

Ghalhekk l-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal ghar-ragunijiet premessi jiddikjara u jiddeciedi:

1. illi l-konvenju fuq imsemmi tat-12 ta' Dicembru 2002 m'ghadux aktar veljanti u vinkolati fuq l-istanti; u
2. konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi lura lill-istanti l-ammont ta' hames mitt Lira Maltija (Lm500) hekk imhallsa mill-atturi lis-socjeta` konvenuta bhala depozitu u akkont tal-prezz fuq il-precitat konvenju.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta' Gunju 2003 u l-ittra ufficjali datata 11 ta' Lulju 2003 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-5 ta' Mejju 2003 u bis-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghadha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi u dan ghas-segwenti ragunjiet:

a. Illi l-konvenju imsemmi mill-atturi li jgib id-data tat-12 ta' Dicembru 2002, li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" jistipula in virtu tal-klawzola numru wiehed (1) li d-"depositu jintilef mil-kumpratur jekk ma jersaqx ghal att finali ghar-raguni mhix valida mil-ligi";
b. Illi bhalma jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza m'ha kien hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li tiggustifika l-fatt li l-atturi ma jersqux ghal kuntratt finali – m'ha kien

hemm l-ebda difett fil-kostruzzjoni u l-provvinjenza tat-titlu kienet in ordni;
c. Illi l-atturi ghazlu li ma jersqux ghall kuntratt fianli kappricozament, skond jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk tilfu d-dritt li jiehdu lura d-depositu li hallsu akkont tal-prezz;

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi d-depozitu mhallas akkont mal-konvenju ma kienx nsarcisabbli jekk mhux ghal xi raguni valida fil-ligi, espressjoni uzata bl-aktar mod regolari pero` soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet.

Ma gewx prezentati l-ebda provi da parti tas-socjeta` konvenuta ghall-esekuzzjoni tal-konvenju u l-attur ghar-rifuzjoni.

L-allegazzjoni tal-prekolazzjoni tal-ilma giet promossa mill-atturi. Ma ngabet l-ebda prova estranji / jew teknika biex jissanaw it-talba taghhom. L-essistenza tal-ilma giet michuda mill-istess direttur tas-socjeta` konvenuta. Veru kien dahal l-ilma, pero` minhabba xi main difettuz.

Ir-rapport tal-arkitett Psaila ma tantx jitfa’ dawl fuq il-materja, lanqas ix-xhieda tieghu. Aktar u aktar meta gie nkarigat wara li bdew l-odjerni proceduri.

Illi huwa ben risaput li minn jaghmel il-kawza jrid jippruvaha, ghax dan huwa l-oneru tieghu, almenu fuq bilanc ta’ probabilitajiet. Fil-kaz odjern kull ma jirrizulta huwa ix-xhieda taz-zewg protagonisti, piu di cosi ma hemmx. Ma giex prodott da parti tal-atturi dak il-minimu biex jikkonvinci lit-Tribunal biex jakkolji t-talbiet tieghu.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjes kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------